# LAPSI U L-BANDLI

ANGELO DOUGALL

Wieħed jista' jikteb u jgħid ħafna dwar il-Bandla ta' Lapsi u l-folklor tagħha fil-gżejjer tagħna. Hija ħaġa ta' l-iskantament li ftit inkiteb dwar is-sinifikat tagħha, għax donnu li dana ntilef matul iż-żminijiet. Li studjużi tal-folklor u tal-antropoloġija donnhom li ftit setgħu jiktbu fuq il-bandla u dwar is-sinifikat tagħha. Biex natu eżempju, il-folklorista Ċensu Busuttil (1859-1922), fil-ktejjeb siewi tiegħu "*Holiday Customs In Malta*" (1894), kiteb li l-bandla ta' Lapsi tintrama' "għax hekk kienu jagħmlu missirijietna..."

Dwar il-bidu tagħha u kif daħlet drawwa, ftit li xejn li jista' jingħad, imma din id-drawwa tal-bandla ħaduha magħhom emigranti ta' Detroit, Michigan, fil-U.S.A. Għalhekk tiskanta kif il-folklor Malti wkoll emigra mal-emigranti, u għall-Jum Lapsi tintrama' l-bandla mill-ħafna familji Maltin. Għalkemm il-bandli huma komuni fiċ-*Children's Parks* u tarahom ukoll fil-ġonna tad-djar; imma għal Lapsi donnu li jkun hemm aktar entużjażmu madwar il-bandli! Dik hi d-drawwa, u dak hu l-folklor!

Ser nikteb dwar osservazzjonijiet tiegħi meta kont ngħix hemm u kont midħla tan-*Namru Station* ta' Detroit fis-snin sebgħin. Karmnu Xuereb, in-Namru, kellu bandla armata fil-ġnien tiegħu ta' wara, li jagħti għall-isqaq, (il-*backlane*). Din kienet ma' zokk ta' siġra kbira tal-fraxxnu li kienet niexfa, madankollu b'saħħitha biżżejjed biex magħha jkun hemm bandla, u mal-ħbula kien hemm *tyre* kbir qadim. U erħilhom kbar u żgħar, kulmin kien jiġi għand in-Namru, din l-imbierka bandla tkun tentazzjoni sabiex wieħed jitbandal xi tixjiriet biha. Meta nitkellmu fuq din is-siġra niexfa tal-fraxxnu, ngħidu wkoll li kienet tqanqal kurżita' kbira, għax in-Namru kien jiżra' l-qagħra twil li kienu jibgħatulu ż-żerriegħa tagħha minn Għawdex, u x-xitel kien jixxeblek mas-siġra; trid tara l-qagħra twil imdendel maz-zkuk tas-siġra biex temmen 'l għajnejk!



*Il-bandla ta' Lapsi minn tpinġija ta' Guido Lanfranco 1975*

Kien il-Ħadd u Jum Lapsi, u dak in-nhar, meta konna miġburin ħemm id-diskors waqa' fuq Lapsi f'Malta, u l-bandli li kienu jintramaw. Id-diskors bħaċ-ċirasa, kulħadd jgħid xi ħaġa, x'jiftakar dwar il-bandla ta' Lapsi. Xi wħud li kienu bdiewa, qalu li kienu jarmaw il-bandla ma' zokk oħxon ta' xi siġra tal-ħarrub. Ieħor qal li nannuh kien jarma l-bandla mat-traversa tal-bieb tal-bitħa. Niftakar li jien għidtilhom li ġie li rajt xi bandla armata f'xi sqaq ġo Bormla; il-ħbula tagħha marbutin minn ħajt għall-ħajt bi grampuni u ħoloq tal-ħadid. Naħseb li l-bandla kienet tintrama' minn sena għall-sena; u tara ċorma tfal jitbandlu ferrieħa f'dak id-djuq ta' li sqaq! Ommi kienet tarmalna bandla mat-traversa tal-bieb tal-bitħa, u hija kienet titbandal l-ewwel waħda forsi sabiex turina li l-bandla hija soda bizzejjed u forsi wkoll din kienet id-drawwa (tradizzjoni jew ritwal); konna nitbandlu tlieta fuq daqsxejn ta' tavla, u nitbandlu minn filgħodu sa' filgħaxija. Ġie li t-tavla kienet titneħħa sabiex jitqiegħed kuxxinett mal-ħabel, u jitbandal xi ħadd waħdu.

U b'dan id-diskors ġiet l-idea ta' għanja fuq Il-Bandla! Fil-folklor hemm daqsxejn ta' taqbila:

"Ommi għamlitli bandla'
Għamlitieli fuq il-bejt,
Ma' kellix min ibandalni,
Tela' l-moċċu għar-rkubbtejh!"

Qal in-Namru: "Kemm ma ddoqqlix din ta' *"tela' l-moċċu għar-rkubbtejh!"* Tgħid mgħandniex il-ħila nagħmlu xi ħaġa aħjar aħna?"

Dak in-nhar ma kienx hemm inqas nies għandu mis-soltu, anzi aktar. Kien hemm Salvu Vella l-Puwta u t-tliet uliedu bil-kitarri; kien hemm erba' għannejja gwappi ukoll: Karmnu Xuereb in-Namru, ħuħ Leli, Indri Farrruġia l-Marameww (tal-Mosta), u nzertat li kienet hemm ukoll Nina Pace ta' Ħal-Qormi, li f'dik il-belt ta' Detroit kienet magħrufa b'kunjomha bħala *Pejs*, (bl-Amerikan). Ftehemu li s-suġġett ikun *Il-Bandla* u l-għanja tkun mingħajr kadenza. Kif għidt, kienu erba' għannejja gwappi!

L-għanja ġbartha minn fuq *tape*, u l-għanjiet għannewhom dawn l-għannejja: Karmnu: 1, 5, 9, 13, 17, 18; Indri: 2, 6, 10, 14; Nina: 3, 7, 11, 15; Leli: 4, 8, 12, 16.

## IL-BANDLA

Għanja ta' Jum Lapsi, Namru Station Detroit, 1970.

1. Ommi għamlitli bandla,
Għamlithieli fuq il-bejt,
Waqajt waqa' u ħassejt rasi
Qegħda ddurli dawramejt!

2. Għandna bandla ġol-ġardina,
Xi pjaċir, ejja u arana,
Il-ġirien ismagħhom jgħannu
U lkoll ġew jitbandlu magħna.

3. Ħanini, ejja nitbandlu!
Fittex ejja u titlajjax;
Meta nkun nitbandal miegħek,
Fuq il-bandla ma nibżax.

4. Darba kont qiegħed nitbandal
Waqajt waqa' u ġejt għal dahari,
Qbadt nistordi billi ġrali,
U kollox rajt idur madwari!

5. Ejja magħna fuq il-bandla,
Fuqha tħossok qed ittir;
Waħda 'l fuq, u l-oħra l-isfel,
Tara kemm tieħu pjaċir!

6. Ferħanin konna nitbandlu,
Kellha tkun tassew għalina,
Fl-art ilkoll waqajna f'daqqa
Meta l-bandla nqatgħet bina!

7. Ħanini la ddumx ma tiġi,
Ħa' nitbandlu t-tnejn bil-ħleww;
Oqgħod ħdejja u tbandal miegħi,
Fuqha t-tnejn ninżlu u ngħolew!

8. Ommi għamlitli bandla
Ma' zokk oħxon ta' ħarruba,
Xi pjaċir nitbandal fuqha
U miegħi kelli lill-maħbuba.

9. X'ħin niftakar f'dik il-bandla
Ta' tfuliti, o xi żmien!
Il-pjaċir li konna nieħdu,
U nitbandlu tfal flimkien.

10. In-nanna tħajret titbandal,
Qegħda tgħanni mat-tbandila,
Tgħanni l-għana tal-imħabba
Illi n-nannu kien jgħannilha.

11. Ħanini oqgħod bandalni,
Hekk dal-jum irrid ngħaddih,
Għannili xi għanja ħelwa
Tal-imħabba u kliem sabiħ.

12. Sibna bandla lesta għalina
Meta morna għand iz-zija,
U l-kelb tela' u tbandal magħna
Waqt li għamel frattarija.

13. Bħalha l-ħajja, hekk hi l-bandla,
Fiha nżul u fiha tlugħ,
Daqqa tgħum u daqqa togħdos,
Daqqa ferħ u daqqa dmugħ.

14. Ejja u oqgħod tbandal magħna,
Ejja fis, togħqodx titlajja,
Illum fuq u l-għada l-isfel,
Hekk tatina din il-ħajja!

15. Ħanini ejja nitbandlu
Fuq il-bandla int u jien,
U noħolmu ħolm ta' mħabba
X'ħin nitbandlu t-tnejn flimkien.

16. In-nannu ramalna bandla,
Ramahielna ġol-ġardina,
Il-jum kollu baqa' magħna
U jbandalna, u jgħollina.

17.Flimkien nghaddu l-Jum ta' Lapsi,
Fuq il-bandla lkoll henjin,
Bit-tbandil il-fuq u l-isfel
Hekk illum inqattghu l-hin;

18.Meta jerġa jasal Lapsi
Narmaw bandla u ejja arana!
Ferħanin nitbandlu u nghannu
U kulħadd jitbandal magħna.

---

## KARMNU XUEREB IN-NAMRU

(Apprezzament ta' Angelo Dougall)



Għannej magħruf, miet fl-Isptar Ġenerali, ġol belt Victoriafis-17 ta' Marzu 1997; kellu 86 sena. Jinsab midfun fiċ-Ċimit-erju tal-Qala, Għawdex, raħal twelidu. Dawn l-aħħar erba' snin kien irtirat ġol Qala, ma' qrabatu, wara li kien qatta' l-biċċa kbira ta' ħajtu ġo l-Amerka, f'De-troit, Michigan. Kien mar hemm bħala emigrant għal nofs is-snin tletin.

Fuq dan l-għannej dehru artikoli fil-*The Times* tas-16 ta' April, 1997, u fit-*Torċa* tas-27 ta' April. 1997. Kienet dehret kitba fuq in-Namru fit-*Torċa* (Magażin) tat-2 ta' Marzu, 1997, u minn żmien għal żmien kienu dehru fl-*Imnara* kummenti dwar xi attivita' folkloristika tiegħu. Karmnu Xuereb ħabb ħafna lil Art Twelidu, ħabb l-ilsien Malti, u l-għana Malti, li għal dan kien magħruf ħafna. Nitolbu għal ruħu.

---